MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Numru 50/2010

**Att. t'Akkuza Nru. 50/2010**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Josette Bickle**

**Illum, 15 ta' Dicembru, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 50 tas-sena 2010 kontra l-akkuzata Josette Bickle, li bih hija giet akkuzata talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi bejn l-elfejn u sitta (2006) u l-elfejn u tmienja (2008), gewwa l-Female Ward "A", fi hdan il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Josette Bickle ddecidiet li tibda tmexxi u tittraffika fid-droga illegali Herojina ghall-skopijiet ta' lukru. Dan kienet taghmlu billi tircievi d-droga illegali herojina gewwa l- Facilita` Korrettiva ta' Kordin u mbaghad tibda ddur mal-prigunieri l- ohrajn u tbieghilhom l-istess droga, jew parti minnha, bi prezz ferm

oghla mill-prezz li solitament jinbieghu llegalment barra mill-Facilita` msemmija.

Josette Bickle kienet tbiegh, tmexxi u tforni llegalment id-droga herojina lil numru kbir ta' prigunieri li kienu jinsabu maghha fl- imsemmija ward u f'kazi minnhom kienet sahansitra tabbuza mis-sustanza llecita fil-kamra taghha filwaqt li tmexxi l-imsemmija droga fl- istess kamra. F'kazi ohra kienet tipprepara d-doza tad-droga llegali f'xi bicca karta jew borza tal-plastik u tghaddiha lil min ikun ftiehem maghha sabiex jakkwista d-droga.

Ghal din l-attivita` llegali, Josette Bickle kienet tithallas b'diversi modi, fosthom bi flus, b'diversi oggetti u hwejjeg u sahansitra billi kienet titlob lil xi whud sabiex jahslulha l-art, jahslulha w jghaddulha l- hwejjeg u jippreparawlha l-ikel.

Illi meta Josette Bickle ħarġet mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, id- droga illegali msemmija skarsat ħafna mill-Faċilita' msemmija u l- priġunieri li kellhom il-problema tad-droga sabu l-opportunita` illi jfiequ mill-problema tagħhom – ħaġa li ma setgħux jagħmlu filwaqt li Josette Bickle kienet għadha miżmuma fl-imsemmija Faċilita`.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizżazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtoriżża l-importazzjoni tad- droga perikoluża msemmija.

Illi Josette Bickle b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju 2004 instabet hatja ta' delitt u giet ikkundannata ghal perjodu ta' sittax-il xahar prigunerija.

Illi Josette Bickle b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' l-4 ta' Settembru 2003, li kkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru, 2002 instabet

hatja ta' delitt u giet ikkundannata ghal perjodu ta' sitta w tlettin xahar prigunerija.

Illi b'għemilha, l-imsemmija **Josette Bickle**, saret ħatja talli b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, forniet jew ipprokurat, jew offriet li tforni jew tipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżat l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellha liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li tforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifatura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- imsemmija **Josette Bickle**, reċidiva f'delitt, ħatja talli b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, forniet jew ipprokurat, jew offriet li tforni jew tipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżat l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellha liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad- Drogi Perikolużi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li tforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifatura d-droga msemmija, u

mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga ;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata w illi hija tigi kkundannata ghall-piena ta' ghomor il-habs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tlettin Euro (€2330) izda mhux izjed minn mija w sittax-il elf u hames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u mmobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi [G.N. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 18, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzata.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żminijiet u taħt l-istess ċirkostanzi msemmija fl-Ewwel Kap ta' Akkuża u ċioe` bejn l-elfejn u sitta (2006) u l-elfejn u tmienja (2008) **Josette Bickle** waqt illi kienet miżmuma ġewwa l-Female Ward 'A', fi ħdan il-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, xjentement daħlet fl-imsemmi Faċilita` d-droga illegali Herojina bil-għan li tittraffikaha u tmexxiha, għal skopijiet ta' lukru, mal-priġunieri l-oħra li kienu wkoll miżmuma fl-imsemmija Ward 'A', fi ħdan il-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

Illi Josette Bickle b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju 2004 instabet hatja ta' delitt u giet ikkundannata ghal perjodu ta' sittax-il xahar prigunerija.

Illi Josette Bickle b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' l-4 ta' Settembru 2003, li kkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru, 2002 instabet hatja ta' delitt u giet ikkundannata ghal perjodu ta' sitta w tlettin xahar prigunerija.

Illi b'għemilha, l-imsemmija **Josette Bickle**, saret ħatja talli b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, bħala persuna li ma tkunx uffiċjal tal-ħabs jew persuna oħra mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorità leġittima, daħlet jew ipprovat iddaħħal f 'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li hu pprojbit skond xi regolamenti magħmula skond l-Att Dwar il-Ħabs (Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta) liema oġġett jikkonsisti f'mediċina (Herojina) li tkun mediċina perikoluża skond l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- imsemmija **Josette Bickle**, ħatja talli b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, bħala persuna li ma tkunx uffiċjal tal-ħabs jew persuna oħra mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorità leġittima, daħlet jew ipprovat iddaħħal f 'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li hu pprojbit skond xi regolamenti magħmula skond l-Att Dwar il-Ħabs (Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta) liema oġġett jikkonsisti f'mediċina (Herojina) li tkun mediċina perikoluża skond l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux iżjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-14 ta' Dicembru, 2011 li bih bi tmien (8) voti favur u b' vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzata Josette Bickle hatja tal-Ewwel Kap u bi tmien (8) voti favur u b' vot wiehed (1) kontra hatja tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verbal tal- 14 ta' Dicembru, 2011 fejn id-difiza iddikjarat li taqbel illi r-recidiva tissussisti u ddikjarat li

tenut kont tal-verdet tal-gurati ta’ dakinhar, fl-erogazzjoni tal-piena il-hajta ghandha titqies bhala recediva.

Ikkunsidrat,

Ma hemmx dubju li dan ir-reat hu wiehed serju li jimmina direttament l-istituzzjoni li suppost ghandha sservi ta’ korrezzjoni ghal min jizbalja fis-socjetá. Pero`, l-preokkupazzjoni tal-Qorti hi ghal fatt li Josette Bickle setghet tagixxi b’ impunita ghal-sentejn shah taht ghajnejn il-gwardjani u d-dirigenti tal-habs. Hija mpossibli li dwaha ma kienux jafu x’kien ghaddej aktar u aktar meta t-tehid tad-droga kien isir fic-cellel fejn ir-riha kienet tinfirex fil-kuruturi fejn kien ikun hemm il-gwardjani. In-numur kbir ta’ visiti permessi lill Josette Bickle ad eskluzjoni tal-prigunijieri l-ohra u l-mod facli lid-droga kienet tigi fil-pussess taghha u tiddahhal fid-divizjoni ma jistax ma jindikax kolluzjoni mal-awtoritajiet. Hija ta’ tkexkix tisma xhud jghid li d-droga fil-habs kienet tant facli li l-konsenja taghha giet deskritta bhala ”door to door” mentri fuq barra trid tigri minn post ghal-iehor biex ssibha. Din il-Qorti wisq tissuspetta li din il-kolluzjoni testendi ben oltre l-konfini tal-habs ghax minkejja li tnehha d-direttur ta’ dak iz-zmien il-problema xorta ghadha hemm u llum ghandna kemm qrajna r-rapport tal-Kummissjoni Nazzjonali ghad-Droga, Akolhol u Dependenzi ohra li 41% tal-prigunieri huma tossicidipendenti. Veru li hi impossibli li l-habs jkun totalment hieles mid-drogi imma hawn qed nitkellmu dwar istituzzjoni li suppost ghandha l-ghola livell ta’ sigurta fil-pajjiz fejn kollox u kulhadd jigi skrupolozament mghoddi minn gharbiel ta’ tfittxija li minnha ma tghaddix labra. Ma dan kollu, din is-sigurta kollha ma ghandha l-ebda effett la llum u lanqas dak iz-zmien tal-kawza. Din il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal-konkluzjoni li xi haga hazina hemm, jew forsi din is-sitwazzjoni qed tigi specifikament tollerata ghax dan hu l-unika mezz kif is-sovrapopolazzjoni tal-habs tista tigi kontrollata minghajr ma jizdied konisderevolment in-numru ta’ gwardjani. Il-Qorti tawgura li dan mhux il-kaz u dan l-apprezzament hu zbaljat, pero` ma tistax tevita dawn is-suspetti u l-verdett tal-gurati hu verdett mhux biss kontra Josette Bickle izda kontra s-sistema li ppermettietilha topera b’ daqsekk impunita ghal-

zmien daqsekk twil. Sistema li tidher li falliet u ma hemm xejn ”correctional” f’ dik il-facilita izda li qieghda sservi propju l-oppost, fejn nies li jkunu relattivament ”clean” qeghdin f’ riskju kbir li johorgu mill-habs ghar milli dahlu. Izda, dawn in-nies ma ghandhomx ghazla ghax f’ Malta habs wiehed ghandna u sakemm id-domanda fil-habs ma tigix kkontrollata il-fenomenu ser jibqa b’ detriment ghas-socjeta`. Josette Bickle ghamlet hazin u ghad li l-ammont ta’ droga li kienet iddahhal kien numru zghir ta’ grammi fuq medda ta’ sentejn dawn issarfu f’ kilos bil-konsegwenti hsara. Pero` rrizulta car li ma kienitx wahedha u ghalhekk il-Qorti thoss li Josette Bickle m’ghandiex terfa l-piz kollu tal-htija ghax hi biss ngiebet il-Qorti u l-ohrajn le. Bhal ma inghad, il-verdett kien ukoll kontra s-sistema u din tpoggiet quddiem kulhadd bhala sistema li falliet u li ppermettiet l-abbuzi li dwarhom Bickle instabet hatja. Pero, Bickle ghandha tirrispondi ghal-dak li ghamlet hi mhux ghal dak li ghamel haddiehor u kienitx tollerata jew le, l-agir taghha kien hazin u ma jistghax jithalla mhux punit ghad li din il-Qorti ma jidriliex li ghandha tirrispondi fil-massimu tal-ligi u jehtieg li jinsab bilanc bejn l-operat taghha u c-cirkostanzi li fih hadmet u ghalhekk filwaqt li tiddikjara lil Josette Bickle, recidiva, hatja talli :-

1. bejn l-elfejn u sitta (2006) u l-elfejn u tmienja (2008), gewwa l-Female Ward “A” fi hdan il-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin b’diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b’riżoluzzjoni waħda, forniet jew ipprokurat, jew offriet li tforni jew tipprokura d- droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avżat l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellha liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad- Drogi Perikolużi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li tforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort’oħra awtorizzata li timmanifatura d-droga msemmija, u

mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l- Att ta' l-Akkuza;
2. bejn l-elfejn u sitta (2006) u l-elfejn u tmienja (2008) b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, bħala persuna li ma tkunx uffiċjal tal-ħabs jew persuna oħra mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorità leġittima, daħlet jew ipprovat iddaħħal f 'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li hu pprojbit skond xi regolamenti magħmula skond l-Att Dwar il-Ħabs (Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta) liema oġġett jikkonsisti f'mediċina (Herojina) li tkun mediċina perikoluża skond l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Wara li rat il-fedina penali aggornata tal-hatja, esebita mill-Prosekuzzjoni w ezaminata mid-Difiza.
Wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Roberto Montalto kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Jason Grima.

Wara li qieset ukoll illi r-reati dedotti fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza serva bħala mezz għall-fini biex seta' jiġi kommess ir-reat dedott taħt l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża w ghalhekk, ghall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.05.2003] u oħrajn).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) w ir-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi [G.N.. 292 ta' l-1939], fl-artikolu 7 tal-Kap. 260 kif ukoll fl-artikoli 17, 18, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hatja **Josette Bickle** ghall-piena komplessiva ta' tnax il-sena (12) prigunerija w ghall-multa ta' 23,000 elf Ewro (€), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll

tikkundannaha thallas is-somma ta' elf, hames mija w tnejn u tmenin Euro w tnejn u tmenin centezmi (€1582.82), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------